GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami li jikkwalifika għall-Post ta' Security Guard Fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

**Suġġett:** IL-MALTI

**Data:** Il-Ħamis, 20 t'April 2023

**Ħin:** 09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)

**L-istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha TLIET taqsimiet; Taqsima A, Taqsima B u Taqsima Ċ. Il-kandidati jridu jwieġbu t-TLIET taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fuq il-ktejjeb ipprovdut.**

## Taqsima A

**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 200 kelma dwaru.**

a. Ikteb rakkont li jispiċċa b'dan il-qawl: 'Min jilgħab man-nar, jinħaraq'.

b. Fid-Dipartiment tal-Emerġenza f'Mater Dei.

ċ. Il-gwerra: tista' xi drabi tkun tajba u ġusta?

d. L-ewwel safra tiegħi waħdi: esperjenzi u avventuri.

e. L-ewwel jiem tar-rebbiegħa wara xitwa kiesħa u qalila.

f. Dakinhar li fettilli ninżel fil-kantina tad-dar qadima li xtrajt.

**(40 marka)**

## Taqsima B

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha li hemm taħtha.**

**Ħarġa kulturali u edukattiva ma' tal-Kunsill**

Xi ftit ġimgħat ilu, il-Kunsill Lokali tar-raħal tagħna organizzalna ħarġa x-Xemxija biex inżuru wħud mill-bosta fdalijiet storiċi li hemm f'dawn l-inħawi. Kulħadd ħasiblu kmieni u nġabar quddiem il-knisja sabiex immorru ftit għall-kwiet u 'l bogħod mit-traffiku u l-istorbju tal-kostruzzjoni.

Xħin wasalna, mill-ewwel ħaduna biex naraw l-ewwel wirt storiku li nsibu fix-Xemxija. Rajna strutturi tal-ġebel fejn fl-imgħoddi kien jitrabba n-naħal. Hawn Malta għandna tradizzjoni ta' trobbija tan-naħal u produzzjoni tal-għasel. Dan għaliex fil-kampanja Maltija nsibu varjetà kbira ta' pjanti u fjuri u għalhekk l-għasel Malti huwa aqwa fil-kwalità u t-togħma minn dak barrani. Barra minn hekk, l-isem Latin ta' Malta, *Melita*, ġej mill-kelma *mel* li tfisser għasel.

L-oqbra li nsibu f'dawn l-inħawi jmorru lura għal madwar 5000 sena. Dawn l-oqbra huma mħaffra fil-blat u qishom għerien. Meta wieħed iqis li f'dan iż-żmien ma kellhomx għodda avvanzata bħalma għandna llum, huwa tassew tal-istagħġib kif kien jirnexxilhom iħaffru dawn l-oqbra fi blat daqshekk iebes.

Fdalijiet storiċi oħra interessanti li rajna kienu għadd ta' għerien użati bħala djar. Biex dawn l-għerien setgħu jintużaw għal dan l-iskop, inbnew ħitan li jagħlqu l-fetħa tal-għerien biex hekk jipproteġu l-intern mill-elementi tan-natura. F'uħud minn dawn l-għerien, il-bdiewa kienu jżommu l-merħla tagħhom. Ta' min jgħid li dawn l-għerien kien għadhom jintużaw sas-sena 1930.

Dawn l-inħawi huma mogħnija b'numru mdaqqas ta' siġar u veġitazzjoni. Għalhekk wara nofstanhar naraw il-postijiet ta' interess u nisimgħu lill-organizzaturi jispjegawlna,

kellna bżonn nistrieħu ftit. Il-post ideali fejn stajna npoġġu bilqiegħda u nieklu kisra ħobż tal-Malti, kien propju taħt is-siġar tal-Miżieb.

Wara din il-waqfa qbadna triqitna lura biex naqbdu x-xarabank lejn ir-raħal. Iżda ma setax jonqos li f'jum sħun tar-rebbiegħa tieqaf tixtri ġelat hekk kif tkun ma' xatt il-baħar. Hekk din il-ħarġa kienet ta' interess, gost u tagħlim fl-istess ħin.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**1. Ikteb "VERU" jew "FALZ" għal kull waħda minn dawn is-sentenzi t'hawn taħt:**

a. Il-ħarġa organizzata mill-Kunsill kienet fejn il-baħar. VERU/FALZ

b. Isem pajjiżna ġej mill-kelma antika bil-Latin *mel*. VERU/FALZ

ċ. Xi Maltin ta' żmien l-imgħoddi kienu jużaw l-għerien bħala djar. VERU/FALZ

d. Wara ġurnata jisimgħu dan it-tagħrif, waqfu jieħdu kisra ħobż taħt is-siġar.
VERU/FALZ

e. Ma setax jonqos li jispiċċaw din il-ħarġa b'tazza kafè tajba fejn il-baħar.
VERU/FALZ

**(10 marki)**

**2. Agħżel u ikteb ir-risposta t-tajba, skont dak li qrajt fis-silta.**

a. Il-Maltin kienu jipproduċu (n-naħal, l-għasel, ż-żejt taż-żebbuġa).

b. L-oqbra li nsibu fix-Xemxija huma (mibnija, misjuba, mħaffra) fil-blat.

ċ. Fl-għerien, il-bdiewa kienu jżommu (l-annimali, l-għodda, l-ikel).

d. Il-parteċipanti tal-ħarġa ħadu ftit mumenti ta' mistrieħ (il-Buskett, l-Imtaħleb, il-Miżieb).

e. (L-interess, L-istagħġib, Il-ħin) kien il-fattur ewlieni li għamel din il-ħarġa suċċess.

**(10 marki)**

**3. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont is-silta:**

a. Semmi **żewġ** raġunijiet għala kienu jistennew bi ħġarhom din il-ħarġa mill-Kunsill.

b. X'kien hemm tal-istagħġib? Għaliex kien speċjali?

ċ. Xi tfisser is-sentenza **huma mogħnija b'numru mdaqqas ta' siġar u veġitazzjoni** skont kif jużaha fis-silta?

d. Għal min taħseb li kienet organizzata din il-ħarġa? Għaliex?

e. X'jagħmel din il-ħarġa **edukattiva** u **kulturali**? Agħti **raġuni** għal kull **waħda**.

**(20 marka)**

**Taqsima Ċ: LINGWA**

Wieġeb l-eżerċizzji **kollha** li ġejjin. Din it-taqsima fiha **20 marka**.

1. Qiegħed dawn is-sentenzi fil-**femminil**:

a. It-tifel ħareġ jilgħab barra ma' sħabu.

b. Ir-raġel ried jiekol ma' ħutu.

ċ. Is-serduk tar fuq bieb imkisser.

d. Skont missieri, il-ħmar il-magħkus ibati dejjem.

e. Il-preżentatur anzjan tal-programm kien liebes pulit ħafna.

**(10 marki)**

2. Oħroġ **nomi** mill-kelma li hemm fil-parentesi biex timla l-vojt f'dawn is-sentenzi:

a. Ilbieraħ kellna ______ (lagħab) tajba ħafna u ħadna tliet _____(punt).

b. Inħobb immur _____ (ġera) twal u wara nagħmel _____ (kiel) tajba.

ċ. Mort ħafna _____ (wera) tal-Arti u xtrajt bosta _____(pitter) tassew sbieħ.

d. Jamie marret _____ (mexa) twila fil-kampanja u qabditha _____ (telaq) kbira.

e. Sean irċieva _____(ħabbar) tajba u qabdu _____ (feraħ) ta' ġenn.

**(10 marki)**

**Total: 100 marka**

# TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI